# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 36/2011

## tal-1 ta' April 2011

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 5/2011 tal-11 ta' Frar 2011 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 962/2010 tas-26 ta' Ottubru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [navigabbiltà] ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol [2] għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66q (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003) tal-Anness XIII għall-Ftehim:

"— **32010 R 0962**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 962/2010 tas-26 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 281, 27.10.2010, p. 78)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 962/2010 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' April 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*L-Aġent President*

Gianluca GRIPPA

[1] ĠU L 93, 7.4.2011, p. 33.

[2] ĠU L 281, 27.10.2010, p. 78.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.